A.L. 71 ta' l-1986

ATT TA' L-1976 DWAR L-AWTORITA' TAD-DJAR

(ATT NRU. XV TA' L-1976)

Ordni ta' l-1986 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 4)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att ta' l-1976 dwar l-Awtorità tad-Djar, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:—

Titolu.

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1986 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 4).

Proprjetà speċifikata.

2. Il-proprjetà deskritta fil-paragrafu 4 ta' dan l-ordni hi b'dan speċifikata għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-Att ta' l-1976 dwar l-Awtorità tad-Djar.

Jum stabbilit.

3. Il-proprjetà speċifikata fil-paragrafu 2 ta' dan l-ordni għandha tiġi trasferita lill-Awtorità tad-Djar u tiġi vestita fiha kif provdut fl-imsemmi artikolu b'seħħ mis-26 ta' Diċembru, 1986.

Deskrizzjoni ta' proprjetà speċifikata.

4. Il-proprjetà msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-ordni hi din li ġejja, jiġifieri:

(a) Id-dar numru 80, Triq Guze' Ellul Mercer, Dingli.

(b) Id-dar bin-numru 18 u 19, Granaries Square, Floriana.

(ċ) Id-dar imsejjħa "Mathias", Djar tas-Sajjieda, Xatt is-Sajjieda, Marsaxlokk.

(d) Id-dar bin-numru 62, *Estate* tad-Djar Ta' Mliet, Mosta.

(e) Il-*flat* numru 2, Blokk J1, *Estate* tad-Djar, Rabat.

(f) Il-*flat* numru 2, Blokk 9, Bieb 12, Misraħ Dorell, Santa Lucia.

(ġ) Id-dar numru 3, Vjal l-Oleandri, Santa Lucia.

(ħ) Id-dar numru 42, *Estate* tad-Djar, Siġġiewi.

(i) Il-*flat* numru 7, Blokk E3, *Estate* tad-Djar, Triq id-Deffa, Ta' Xbiex.

(j) Id-dar numru 55, Fibers Street, Żabbar.

(k) Id-dar numru 71, Triq Ferdinando Falzon, Żurrieq.